# L-Attività Mużikali fil-Festa ta' l-Assunta fil-Mosta bejn l-1815 u l-1825



Riċerka minn Noel D'ANASTAS

Xi snin ilu kont qed naghti ħarsa dettaljata lejn l-attività mużikali li kienet tinżamm waqt il-jiem tal-festa ta' l-Assunta ċċelebrata fil-Mosta matul is-seklu tmintax u dsatax. L-aħħar ħarsa tiegħi kienet fl-1998 meta f'dik is-sena kont ktibt dwar is-servizzi mużikali li ta Pietro Paolo Bugeja li kien *Maestro di Cappella* fil-Mosta bejn l-1809 u l-1814.[1] Din is-sena, se nkompli nsegwi l-istorja ta' kif kienet qed tkun iċċelebrata l-festa fl-għaxar snin ta' wara, jiġifieri bejn l-1815 u l-1825 - ftit snin biss qabel il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Feliċ Calleja ta bidu għall-bini tal-knisja l-ġdida.

## L-ispiża tal-festi matul is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax

Parti kbira mill-ispiża tal-festi reliġjużi f'pajjiżna matul iż-żminijiet kienet dovuta għall-mużika waqt il-funzjonijiet u l-purċissjoni - ħlas lil *Maestro di Cappella* u l-mużiċisti u kantanti. Ġeneralment dawn kienu jitwasslu bil-kaless u jibqgħu għal-jiem tal-festa.

F'bosta rħula madwar Malta, il-*Maestro di Cappella* u l-mużiċisti kienu jagħtu tlett servizzi mużikali fil-funzjoni nterna. F'lejlet il-festa filgħaxija kienet issir it-traslazzjoni tar-relikwa u titkanta l-antifona u l-primi vespri. F'nofsinhar, kienu jinħarqu xi murtaletti. L-istess jingħad waqt l-*Ave Maria*.

F'jum il-festa, filgħodu kmieni kienet tinżamm quddiesa sollenni b'suffraġju għar-ruħ il-benefatturi, kif ukoll il-quddiesa l-kbira fejn jintiseġġ il-paniġierku. Waqt l-elevazzjoni u s-Sanctus jinħarqu xi murtaletti. Wara nofsinhar kienu jitkantaw is-*secondi vespri* u talb ieħor. Wara tinħareġ il-purċissjoni li fiha kien jinħaraq xi nar. Wara d-dħul tal-purċissjoni titkanta l-antifona u talb ieħor u jsir il-bews tar-relikwa.

Kienet drawwa bikrija f'Malta, l-aktar fit-tieni nofs tas-seklu tmintax li fil-purċissjonijiet kienet tinżamm mużikata bil-kant tal-mutetti mill-istess mużiċisti u l-*Maestro di Cappella*. Drawwa wkoll antika kienet is-sehem ta' xi żewġ jew erba' daqqaqa tal-fifra (piffara) u tanbur (tanburo).[2] Ġeneralment dawn kienu daqqaqa li kienu jaħdmu fuq ix-xwieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Fl-ispiża tal-festa nsibu wkoll ħlas għall-organista għas-servizzi oħra u lill-persuna li kienet tħaddem il-minfaħ ta' l-orgni. Insibu wkoll ħlas lill-kuċċier u l-kaless biex jinġiebu u jitwasslu lura l-mużiċisti u l-kantanti li ġeneralment kienu mill-ibliet tal-port, jew mill-Imdina u l-viċinanzi. Kienet drawwa wkoll li f'bosta rħula dawn jorqdu fir-raħal u jingħatalhom ikel u xorb.

Nefqa oħra kbira kienet tkun għal-logħob tan-nar, il-mixgħela tal-knisja u l-kiri tad-damask. Kienet użanza li d-damask u t-tapizzerija jinkrew biex il-knisja tidher isbaħ. Permezz ta' karettun miftuħ, il-burdnar kien imur iġib u jieħu lura dan id-damask. Dan kien jiġi addottat skond il-ħtiġijiet neċessarji tal-knisja. Fil-kontijiet, wieħed isib ukoll ħlas għall-imsiemer u bżonnijiet oħra simili biex id-damask seta' jitwaħħal f'postu. Il-biċċa l-kbira, dan kien jinkera mill-Belt u mill-Kottonera.

## Il-mużika fil-festa ta' l-Assunta fil-bidu tas-seklu dsatax

Pietro Paolo Bugeja kien missier id-dinastija ta' kompożituri, mużiċisti u *Maestri di Cappella* f'għadd ta' parroċċi u knejjes madwar Malta. Kien ukoll il-*Maestri di Cappella* fil-Kon-kattidral tal-Belt u fil-Kattidral fl-Imdina, suċċessur ta' Francesco Azopardi. Fil-Mosta, Pietro Paolo Bugeja ta s-servizz mużikali bħala *Maestro di Cappella* fil-festa ta' l-Assunta bejn l-1809 u l-1814.

Fl-ewwel sena tiegħu, il-prokuratur Dun Marino Galea kien ħallas lil Bugeja s-somma ta' 78 skud u 4 irbajja' għall-quddiesa sollenni, it-tieni għasar, kif ukoll għat-trasport bil-kaless, pranzu u biex inġab u ttieħed il-kontrabaxx. Jidher li fl-1810, Bugeja beda jitħallas 92 skud u 6 irbajja'. Fl-1812 ma jissemmiex ħlas għall-mużika waqt il-funzjoni u l-istess jingħad fis-sena ta' wara meta l-festa ma saritx minħabba li l-knejjes kienu magħluqa minħabba l-epidemija tal-pesta.

Jidher li fl-1814, il-festa saret b'mod aktar pompuż u l-attività mużikali ta' ġewwa kienet qamet lill-prokuratur Galea mat-98 skud u 9 irbajja'. F'dik is-sena ma jissemmiex l-isem ta' min ħa ħsieb il-mużika, iżda żgur li din kienet f'idejn Bugeja jew ikkummissjonata minnu.

Fl-1815, Pietro Paolo Bugeja mexxa l-mużika fil-festa ta' Santa Marija fil-knisja Matriċi f'Għawdex bi ħlas ta' 40 skud. B'hekk, il-prokuratur ried isib *Maestro di Cappella* ieħor jew inkella Bugeja ħa ħsieb il-kummissjoni biex tinżamm il-mużika fil-funzjoni bħas-snin preċedenti. Din kienet komuni ħafna minħabba l-bosta mpenji li kien ikollhom Bugeja u *Maestri di Cappella* oħrajn magħrufa.

Jidher li fl-1815 kien tqabbad ċertu Paolo Agius, dilettant li ftit jew xejn nafu dwaru. Li huwa żgur huwa li Paolo Agius baqa' jmexxi l-mużika fil-Mosta sa l-1825 għax fl-1826 Bugeja kien ikkummissjona lil Dun Ġużepp Principato ta' l-Isla li kien tħallas 45 skud.[3]

Fl-ewwel sena tiegħu, Paolo Agius kien irċieva 92 skud '*per messa e vespere di Santa Maria*'[4] filwaqt li fis-sena ta' wara għall-istess servizz kien ħa 94 skud u 4 irbajja.'[5]

Għall-festa ta' l-1817, il-ħlas dovut għall-mużika niżel għal 70 skud. F'dik is-sena wkoll, Paolo Agius kien imqabbad jagħmel l-akkomodatura ta' l-orgni fejn tħallas 15-il skud.[6] Fis-snin ta' wara, l-ispiża għall-mużika kompliet tonqos. Fil-fatt, fl-1818 din swiet 68 skud u 8 irbajja',[7] fl-1819 u fl-1820 kien ta' 60 skud[8] u fl-1821 qamet 50 skud.[9]


Adì 20. Agosto 1815   341
Io infro ricevo dal Don Marino Galea scudi
novantadue per Messa e vespere di Sta
Maria dico - - - 92 = =
Io Paolo Agius

*Ħlas ta' 92 skud mogħti lil Paolo Agius biex ħa ħsieb il-mużika fil-festa ta' l-Assunta fl-1815. (Arkivju Parrokkjali,Mosta: Libro Esito, Veneranda Lampade 1776-1837)*

Fil-kontijiet tal-festa ta' l-1822 ma jissemmiex minn ħa ħsieb il-mużika f'dik is-sena għalkemm jidher irreġistrat ħlas ta' 45 skud mogħti lil *Maestro di Cappella*.[10] Nerġgħu niltaqgħu ma' l-isem ta' Paolo Agius fil-festa ta' l-1823 fejn kien irċieva 44 skud għall-istess servizzi.[11] Fis-sena ta' wara, l-ammont żdied bi skud,[12] filwaqt li fl-aħħar sena li dderieġa l-mużika fil-jum tal-festa, Agius kien irċieva 40 skud u 6 irbajja'.[13]

## Banda

L-attività mużikali esterna kienet magħmula mid-daqq tat-tnabar kif ukoll mill-banda. Fil-kontijiet tal-'*Veneranda Lampada*' tal-knisja ma jidhirx deskritt kemm il-banda kienet tħaddan daqqaqa u lanqas minfejn kienet tinġieb. Jidher li bejn l-1811 u l-1812, il-banda qamet 25 skud u 24 skud rispettivament. Fl-1814, il-ħlas għola għal 26 skud u 8 irbajja', iżda fis-snin ta' wara l-ħlas beda nieżel sew.

Fl-1815. il-banda ġiet tqum 22 skud u 6 irbajja' filwaqt li d-daqqaqa tat-tnabar tħallsu 3 skudi.[14] Fis-sena ta' wara, il-banda qamet 15-il skud.[15] Il-ħlas għas-servizz tal-banda kompla jonqos u fl-1817 din swiet 12-il skud u 6 irbajja',[16] Jidher li l-ħlas għall-attività mużikali naqas sew mhux biss fil-funzjoni reliġjuża iżda wkoll fl-attività esterna, tant li l-banda kien qamet kważi bin-nofs ta' dak imħallas fis-sena ta' qabel - ammont ta' 7 skudi u 6 irbajja'.[17]

Għall-festi tas-snin 1819 sa l-1825, il-prokuratur Dun Marino Galea baqa' jħallas 7 skudi u 6 irbajja' għall-banda, somma konsistenti mħallsa meta wieħed iqis li f'dawk is-snin il-prokuratur kien illimita ħafna mill-ispejjeż minħabba il-ħsieb tal-bini tal-knisja l-ġdida. Jidher ukoll li bejn l-1816 u l-1825 ma baqgħux jinġabu daqqaqa tat-tnabar.

## Il-bini tal-knisja l-ġdida

Il-knisja l-qadima - disinn ta' Tumas Dingli - kienet bdiet tinbena fl-1610 u damet erba' snin sakemm tlestiet, għalkemm sa l-1682 baqa' jsirilha bosta dekorazzjonijiet. Bejn is-seklu sbatax u tmintax, il-poplu Mosti kien jaqdi d-dmirijiet reliġjużi fiha iżda mal-qalba tas-seklu, il-Mosta rat żieda demografika u b'hekk inħtieġ li jkollha knisja akbar. Fil-fatt fl-1820, il-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Feliċ Calleja ppropona knisja ġdida u akbar.

Wara bosta diskussjonijiet u dibattiti, tqabbad l-arkitett Giorgio Grognet de Vassè u b'disinn innovattiv għax-xenarju arkitettoniku tal-knejjes Maltin iddisinja l-knisja l-ġdida bbażata fuq l-idea ta' l-era Rumana magħrufa bħala l-'Pantheon'. Ix-xogħol fuq il-bini dam snin twal. Fit-30 ta' Mejju 1833 - fil-preżenza tal-Gvernatur ta' Malta, Frederick Cavendish Ponsonby - tqiegħdet l-ewwel ġebla. Sebgħa u għoxrin sena wara, il-knisja sabiħa ta' Tumas Dingli bdiet tinħatt. Is-sehem tal-Mostin kien kbir mhux biss fid-donazzjonijiet iżda wkoll f'għajnuniet ta' ħidma manwali.

Ir-Rotunda, kif inhi magħrufa, irrelevanti mill-kwalitajiet arkitettoniċi li mhux kull espert jaqbel fuqhom, saret mekka ta' attrazzjoni turistika. Il-bini ta' din il-knisja kienet stqarrija ta' xhieda ħajja lejn id-devozzjoni reliġjuża u xhieda lejn il-kobor ta' qima li kellu l-poplu Mosti lejn l-Assunta.

Bla dubju, l-ispejjeż kienu kbar biex f'perjodu ta' aktar minn kwart ta' seklu titlesta l-knisja. Kien jeħtieġ sagrifiċċju kbir. Il-festa ta' l-Assunta kienet tinżamm bl-inqas spejjeż possibli tant li r-reġistri tal-'*Veneranda*



*Il-knisja parrokkjali l-qadima tal-Mosta mibnija fuq id-disinn ta' Tumas Dingli.*

*Lampada'* lanqas biss jagħmel riferenza għall-*Maestro di Cappella*. Anke fis-snin ta' qabel, l-ispiża għall-festa bdiet nieżla b'mod konsiderevoli.

*Ħajr lis-sinjuri Joe Catania, Saviour Dimech, u Charlie Schembri ta' l-għajnuna li kienu tawni xi snin ilu biex inkun nista' nirriċerka dan it-tagħrif.*

© Noel D'Anastas, Lulju 2006.

**Riferenzi:**

1 D'Anastas, Noel, 'Maestro di Cappella fil-Mosta: Pietro Paolo Bugeja (1772-1828)' fil-programm tal-festa maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta 1998, p. 46-49.
2 Dawn għadna narawhom fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
3 Arkivju Parrokkjali Mosta, Libro Esito, Veneranda Lampade (1776-1837), p. 419.
4 ibid., p.347.
5 ibid., p.353.
6 ibid., p.359.
7 ibid., p.366.
8 ibid., p.372 (1819); p.377 (1820).
9 ibid., p.384.
10 ibid., p.392.
11 ibid., p.398.
12 ibid., p.406.
13 ibid., p.411.
14 ibid., p.347.
15 ibid., p.353.
16 ibid., p.360.
17 ibid., p.366.



KAŻIN 15 TA' AWISSU
Mosta
Tel: 21 411792

*Fejn issib atmosfera ta' ħbiberija u ambjent familjari, kif ukoll kull xorta ta' snacks, xorb ġenwin u appetizers.*

Il-Barmen Kenneth Fenech u Stefan Fenech jixtiequ l-Festa t-tajba lill-Mostin kollha.



L-Għonnella
Souvenir Shop

Xogħol ta' Bizzilla u Ganutelle
Lezzjonijiet ta' Bizzilla u Ganutelle
Bozoz, Frames, Važuni, Materjal
Naċċetta ordnijiet ta' Head-dresses u
Bukketti tal-Praċett.

Rose Marie Falzon,
35, Bridge Str., Mosta
Tel: 2141 1207 - 2141 1828